MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru. 294/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlos Cordina**

**KONTRA**

**Saviour Buttigieg ta' 47 sena, bin John u Michelina nee' Buttigieg, imwieled Ghawdex nhar l-14 ta' Dicembru, 1960, residenti fil-fond imsejjah 'Cottage d'Amour', Triq Hal Far, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 71660M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi **Saviour Buttigieg** li gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Settembru, 1999 u matul is-snin ta' qabel din id-data, bhala id-detentur tal-Cottage d'Amour, Triq Hal Far, Zurrieq, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fil-valur ta' mija u ghoxrin Lira Maltin, sbatax-il centezmu u sitt millezmi (Lm120.17.6) mill-fond Cottage d'Amour, Triq Hal Far, Zurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Wara li rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 13);

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda ssib lil Saviour Buttigieg hati, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena(1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------